# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-4 ta' Diċembru 2014

## dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007

(2014/888/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2) flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-Unjoni qed taħdem lejn l-istabbiliment ta' qasam ġudizzjarju komuni bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji.

(2) Il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Protokoll dwar il-Ferroviji"), adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, jagħti kontribut siewi għar-regolamentazzjoni fuq livell internazzjonali fil-qasam tiegħu. Hu għalhekk kunsiljabbli li d-dispożizzjonijiet ta' dak l-istrument li jikkonċernaw materji li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni jkunu applikati mill-aktar fis possibbli.

(3) Il-Kummissjoni nnegozjat il-Protokoll dwar il-Ferroviji f'isem il-Komunità Ewropea, għall-partijiet li kienu fil-kompetenza esklużiva tal-Komunità.

(4) L-Artikolu XXII(1) tal-Protokoll dwar il-Ferroviji jipprovdi li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, li għandhom kompetenza fuq ċerti materji rregolati minn dak il-Protokoll, jistgħu jiffirmawh, jaċċettawh, japprovawh jew jaċċedu għalih.

(5) Uħud mill-materji rregolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 ([1]), li għandu jinbidel mill-10 ta' Jannar 2015 bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 ([3]), ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) huma wkoll ittrattati fil-Protokoll dwar il-Ferroviji.

(6) Il-Komunità ffirmat il-Protokoll dwar il-Ferroviji fl-10 ta' Diċembru 2009 wara l-adozzjoni fit-30 ta' Novembru 2009 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/940/KE ([7]).

(7) L-Unjoni għandha kompetenza esklussiva fuq uħud mill-materji rregolati mill-Protokoll dwar il-Ferroviji, filwaqt li l-Istati Membri għandhom kompetenza fuq materji oħra regolati minn dak l-istrument.

(8) L-Unjoni għandha għalhekk tapprova l-Protokoll dwar il-Ferroviji.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1; *Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 19, Vol 04, p. 42*).

([2]) Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU L 160, 30.6.2000, p. 1; *Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 19, Vol 01, p. 191*).

([4]) Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

([5]) Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

([6]) Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (ir-Regolament tal-Aġenzija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1).

([7]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/940/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-iffirmar mill-Komunità Ewropea tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 (ĠU L 331, 16.12.2009, p. 1).

(9) L-Artikolu XXII(2) tal-Protokoll dwar il-Ferroviji jipprovdi li, fil-mument tal-iffirmar, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni, għandha ssir dikjarazzjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li tispeċifika l-materji regolati minn dak il-Protokoll li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri tagħha jkunu ddelegaw lil dik l-organizzazzjoni l-kompetenza.

(10) Il-Komunità għamlet id-dikjarazzjoni meħtieġa dwar il-kompetenza tagħha fil-mument tal-iffirmar tal-Protokoll dwar il-Ferroviji. L-Unjoni għandha, madankollu, iġġedded dik id-dikjarazzjoni fil-mument tal-approvazzjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji sabiex tikkoreġi żball fattwali u biex jittieħed kont tal-iżviluppi leġislattivi u tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni.

(11) L-Artikoli VI, VIII, IX u X tal-Protokoll dwar il-Ferroviji japplikaw biss meta Stat Kontraenti jkun għamel dikjarazzjoni taħt l-Artikolu XXVII tal-Protokoll dwar il-Ferroviji u taħt il-kundizzjonijiet speċifikati minn dik id-dikjarazzjoni. Fil-mument tal-approvazzjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji, l-Unjoni ma għandhiex tagħmel dikjarazzjoni taħt l-Artikolu XXVII(2) rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu VIII u lanqas ma għandha tagħmel xi waħda mid-dikjarazzjonijiet taħt l-Artikolu XXVII(1) u (3). Il-kompetenza tal-Istati Membri fejn jidħlu r-regoli ta' liġi sostantiva fir-rigward tal-insolvenza mhijiex se tiġi milquta.

(12) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta mir-Regolament (KE) Nru 44/2001, li għandu jiġi sostitwit mill-10 ta' Jannar 2015 mir-Regolament (UE) Nru 1215/2012, ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000, ir-Regolament (KE) Nru 593/2008, id-Direttiva 2008/57/KE u r-Regolament (KE) Nru 881/2004, u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(13) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea ([1]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu XXI tal-Protokoll dwar il-Ferroviji ([2]).

*Artikolu 3*

Fil-mument tal-approvazzjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji, l-Unjoni għandha tagħmel id-dikjarazzjoni li tinsab fl-Anness, skont l-Artikolu XXII(2) ta' dak il-Protokoll.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. ORLANDO

---

([1]) It-test tal-Protokoll dwar il-Ferroviji ġie ppubblikat fil-ĠU L 331, 16.12.2009, p. 5, flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.
([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ għall-Unjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*ANNESS*

**Dikjarazzjoni li għandha ssir skont l-Artikolu XXII(2) dwar il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' materji regolati mill-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji (il-"Protokoll dwar il-Ferroviji"), adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri ttrasferixxew il-kompetenza tagħhom lill-Unjoni**

1. L-Artikolu XXII tal-Protokoll dwar il-Ferroviji jipprovdi li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li huma ffurmati minn Stati Sovrani u li għandhom kompetenza fuq ċerti materji regolati minn dak il-Protokoll jistgħu jiffirmawh, jaċċettawh, japprovawh jew jaċċedu għalih bil-kondizzjoni li jagħmlu d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu XXII(2). L-Unjoni ddeċidiet li tapprova l-Protokoll dwar il-Ferroviji u għalhekk qed tagħmel dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.

3. Madanakollu, din id-dikjarazzjoni ma tapplikax għar-Renju tad-Danimarka, f'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

4. Din id-dikjarazzjoni mhijiex applikabbli għat-territorji tal-Istati Membri li għalihom ma japplikax it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 355 ta' dak it-Trattat) u hija mingħajr preġudizzju għal dawk l-atti jew pożizzjonijiet li jistgħu jkunu adottati taħt il-Protokoll dwar il-Ferroviji mill-Istati Membri kkonċernati f'isem u fl-interessi ta' dawk it-territorji.

5. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ttrasferixxew il-kompetenza lill-Unjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet li jistgħu jolqtu jew jibdlu r-regoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 ([1]), li għandu jinbidel mill-10 ta' Jannar 2015 bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 ([3]), ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

6. Safejn hija kkonċernata s-sistema tan-numerazzjoni tal-vetturi, l-Unjoni, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/920/KE ([7]), emendata fl-14 ta' Novembru 2012 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE ([8]), adottat sistema ta' numerazzjoni li hija adegwata għall-iskop tal-identifikazzjoni ta' vetturi ferrovjarji kif imsemmija fl-Artikolu XIV tal-Protokoll dwar il-Ferroviji.

   Barra minn hekk, safejn huwa kkonċernat l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Reġistru Internazzjonali, l-Unjoni għamlet progress konsiderevoli permezz tad-Deċiżjoni 2007/756/KE ([9]), emendata fl-14 ta' Novembru 2012 permezz tad-Deċiżjoni 2012/757/UE. Taħt dik id-Deċiżjoni, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea implimentaw Reġistri Nazzjonali tal-Vetturi, u għandha tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-data fir-Reġistru Internazzjonali.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1; *Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 19 Vol 04, p. 42*).
([2]) Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).
([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU L 160, 30.6.2000, p. 1; *Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 19, Vol 01, p. 191*).
([4]) Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).
([5]) Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).
([6]) Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (ir-Regolament tal-Aġenzija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1).
([7]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/920/KE tal-11 ta' Awwissu 2006 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà marbuta mas-sottosistema tal-operazzjoni tat-traffiku u l-ġestjoni trans-Ewropea tas-sistema konvenzjonali tal-ferroviji (ĠU L 359, 18.12.2006, p. 1).
([8]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE tal-14 ta' Novembru 2012 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-operat u l-immaniġġar tat-traffiku tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li temenda d-Deċiżjoni 2007/756/KE (ĠU L 345, 15.12.2012, p. 1).
([9]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE tad-9 ta' Novembru 2007 li tadotta speċifikazzjoni komuni tar-reġistru nazzjonali tal-vetturi prevista mill-Artikoli 14(4) u (5) tad-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE (ĠU L 305, 23.11.2007, p. 30).

7. L-Unjoni mhijiex qed tagħmel dikjarazzjoni taħt l-Artikolu XXVII(2) fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu VIII, u lanqas ma hija qed tagħmel xi waħda mid-dikjarazzjonijiet taħt l-Artikolu XXVII(1) u (3). L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom dwar ir-regoli ta' liġi sostantiva fejn tidħol l-insolvenza.

8. L-eżerċizzju tal-kompetenza li l-Istati Membri għaddew lill-Unjoni taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa, minnu nnifsu, suġġett għal żvilupp kontinwu. Fil-qafas ta' dawk it-Trattati, l-istituzzjonijiet kompetenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-limitu tal-kompetenza tal-Unjoni. Din tal-aħħar għaldaqstant tirriżerva d-dritt li temenda din id-Dikjarazzjoni skont il-każ, mingħajr ma dan ikun jikkostitwixxi prerekwiżit għall-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha fir-rigward ta' kwistjonijiet rregolati mill-Protokoll dwar il-Ferroviji.